MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1156/2007

**Tal-Franciz Construction Limited**

**vs**

**PBA Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fis-6 ta’ Novembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' ftehim tal-17 ta' Lulju 2006, kopja hawn annessa u markata Dokument "A" is-socjeta rikorrenti ikkoncediet, b'titolu ta' lokazzjoni, lis-socjeta intimata, li bl-istess titolu irceviet, il-fond bla numru ufficjali maghrufa bl-isem "Rock Cafe'" u "Club Divine" li jinsabu f'St George's Road, Paceville, taht il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm

elenkati, fosthom, ghall-ewwel tlett snin, bil-kera, dekorribbli mill-17 ta' Lulju 2006, ta' Lm140 kulljum, apparte l-ammont tal-VAT, pagabbli kull xahar bil-quddiem – ara kondizzjoni 2.1 tad-dokument hawn esebit;

Illi is-socjeta intimata hija morusa fil-pagament tal-kera ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena korrenti, ammontanti ghall-Lm4340 u Lm781. 20 (VAT), ghax-xahar ta' Ottubru 2007 u l-ammont ta' Lm4200 u Lm756 (VAT) ghax-xahar ta' Novembru 2007 - b'kollox ghalhekk is-somma ta' Lm10,077.20;

Illi is-socjeta intimata ghalkemm interpellata ghalihom baqghet ma hallsitx, u ghalhekk qed jiddekorri l-imghax tal-08% mid-data ta' kull skadenza u dan ai termini tal-kondizzjoni numru 4 tal-istess ftehim;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-esponenti ghalhekk il-kawza tista' tinqata ai termini tal-artiklu 167 ta' Kodici tal-Procedura Civili billi is-socjeta intimata ma ghandhiex kontestazzjoni x'taghmel;

Talbet, ghalhekk illi is-socjeta rikorrenti tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) taqta' u tiddeciedi il-kaz ai termini tal-artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;
(2) tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' ghaxart elef, sebgha u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmu(Lm10,077.20) - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

B'riserva ta' kull dritt iehor spettanti lis-socjeta rikorrenti ai termini tal-ftehim fuq citat u bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru presentat konteswalment mal-presenti u bl-imghax tal-08% kalkolabbli fuq kull skadenza ta' kull xahar mid-data li kull pagament huwa dovut ai termini tal-ftehim, kontra is-socjeta intimata li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici (fol 32) li permezz taghha cediet il-meritu u zammet ferm il-kaz ta' l-ispejjez;

Rat il-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr;

Illi jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont reklamat fir-rikors guramentat fil-mori tal-kawza. Ghalhekk s-socjeta' konvenuta ghandha tbaghti l-ispejjez tal-kawza ghaliex huwa effettwa l-pagament tas-sorte wara li giet intavolata l-kawza u, inoltre, ghaliex b'hekk gie li ammetta li s-somma reklamata fir-rikors guramentat kienet dovuta mis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante illi dana jinsab ezawrit, tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------